**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 140 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Domenic Chircop**

**<u>Illum 26 ta' Settembru 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Domenic Chircop detenur tal-karta tal-identita Maltija **773656M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

- Akkuzat talli nhar 4 ta' Ottubru, 2022 gewwa Red Café li jinsab fi Pjazza Toni Bajjada Naxxar gab ruhu b'tali mod li ta` fastidju lil Rachael Samantha Hodgkins.

Rat l-Artikolu 251A (a) (b) tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta` 'Malta.

Rat li Rachel Samantha Hodgekins ikkostitwixxiet ruhha bhala parte civile.

Rat ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha ezibiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-**14 ta' Marzu, 2023**, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 251A (a) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma sabitx Domenic Chircop hati tal- imputazzjoni dedotta kontrih u konsegwentement illiberatu minn kull htija u piena.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Domenic Chicop, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' April 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

**4. TALBA**

Għaldaqstant, l-appellant umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi biex tiddisponi minn dan l-umli appelli skont il- ligi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Domenic Chircop li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

### *i.* ***L-ewwel irregolarità***

Illi kemm fit-tieni paġna tas-sentenza appellata (l-ewwel linja) kif ukoll fid-deċide, l-Ewwel Qorti indikat artikolu ħażin tal-liġi. Filwaqt li l-Ewwel Qorti rreferiet għall-Artikolu *"251A(a)(b)"* fiż-żewġ okkażjonijiet, hija kellha minflok tirreferi għall-Artikolu **251A(<u>1</u>)(a)(b)** (enfasi tal-esponenti).

Illi kif intqal fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija vs. John Axiak et</u>***[1]:

> *"Issa kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza meta l-artikoli citati fis-sentenza jkunu zbaljati, kif jidher li x'aktarx gara f' dan il-kaz, dan il-fatt igib in-nullità tas-sentenza appellata. (ara. Appell Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia" [28.5.1987] u ohrajn.)"*

Illi l-esponenti jirreferi ampjament anki għas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Spiteri</u>***[2] u l-analiżi dettaljata tal-materja inkwistjoni hemm magħmula.

Illi din l-irregolarità ġġib magħha n-nullità tas-sentenza appellata.

### *ii.* ***It-tieni irregolarità***

Illi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet:

> *"Illi sfortunatament l-apparat li kien hemm fl-awla kien tali li ma setgħux jinstemgħu l-kliem li ngħad."*

Illi l-esponenti jirrileva li jekk inqalgħet xi problema bl-apparat fl-awla u konsegwentement xi xhieda ma setgħux jinstemgħu, is-soluzzjoni ma kellha qatt tkun li l-imputat ikun illiberat daqslikieku qatt ma sar xejn. Għalkemm huwa desiderabbli li kawżi sommarji jiġu deċiżi fi żmien qasir, preferibilment f'seduta waħda, ċertament ma jkunx fl-aħjar interess tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja li l-Qrati jaqbdu u jilliberaw lill-imputat appena jinqala' intopp fl-apparat tal-awla. Jekk wieħed jirreferi għad-diċitura tal-liġi, senjatament l-Artikoli 374 u 375 tal-Kodiċi Kriminali, mhuwiex speċifikat li l-provi f'kawża sommarja għandhom jinstemgħu f'seduta waħda biss u dan peress li l-liġi tgħid biss illi "*t-tmexxija tal-kawża għandha ssir fil-qosor u bil-fomm u fl-ordni…*[3]" kif preskritt fl-Artikolu 374 b'applikazzjoni ukoll għall-Artikolu 375.[4] Kwindi, filwaqt li huwa rikonoxxut li l-kawża sommarja m'għandhiex iddum

---

[1] Deċiża nhar id-19 ta' Mejju 2005 per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono.

[2] Deċiża nhar it-3 ta' Diċembru 2019 per Onor. Imħallef Consuelo-Pilar Scerri Herrera.

[3] Artikolu 374(i): *(i) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jesponi l-fatt tar-reat u jġib il-provi tiegħu;*
*(ii) il-kwerelat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jagħmel id-difiża tiegħu u jġib il-provi tiegħu;*
*(iii) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jista' jirreplika, u l-kwerelat jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu jista' jagħmel kontra-replika:*
*Iżda l-qorti tista', għal raġuni tajba, tqassam xorta oħra l-ordni tas-smigħ tal-kawża;*

[4] Artikolu 375(ċ): *l-uffiċjal tal-Pulizija Ezekuttiva, li bih titmexxa l-azzjoni, u l-imputat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu, jinstemgħu fl-ordni msemmi fil-paragrafu (i) tal-aħħar artikolu qabel dan;*

inutilment (*ergo* l-kelma "sommarja"), il-liġi ma tispeċifikax li kull prova trid bilfors tinstema' f'seduta waħda, għad li hekk ikun desiderabbli.

Illi inoltre, jekk wieħed jara wkoll l-Artikolu 377(1) tal-Kodiċi Kriminali, li jittratta l-għoti tas-sentenża f'kawża sommarja, jingħad li "*meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża*[5]*, il-qorti, dakinhar stess, jekk jista jkun*[6]*, tagħti sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputat.*" Illi minn dan l-artikolu tal-liġi l-esponenti jislet żewġ punti:

- fl-ewwel lok is-sentenza għandha tingħata meta jingħalaq is-smiegħ tal-kawża;

- fit-tieni lok, m'hemm ebda obbligu riġidu li l-Qorti trid tagħti s-sentenza tagħha dakinhar stess li tinstema' l-kawża.

Illi sfortunatament, l-Ewwel Qorti naqset li tispjega x'kienet il-problema li nqalgħet fl-apparat tal-awla u għalhekk inħolqot preżunzjoni ta' nuqqas serju, bħal pereżempju xi xhud li x-xhieda tiegħu ma ġietx irrekordjata. Ladarba l-Ewwel Qorti għażlet li fis-sentenza tikteb dwar xi problema fl-apparat tal-awla, l-esponenti m'għandux għażla ħlief li jassumi li din il-problema fl-apparat kienet tinċidi direttament fuq is-smiegħ tal-kawża.

Illi bi tkomplija ta' dan, jiġi rilevat li fil-ħames paġna tas-sentenza, l-Ewwel Qorti kitbet:

> *"Jiġi ikkonstatat li meta intwera s-CD Dok. A ma seta' jinstema' ebda kliem."*

Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponenti ma jafx jekk dak li kien hemm fuq il-*compact disc* ma setax jinstema' minħabba xi difett inerenti għall-*compact disc* innifisha, jew minħabba l-problema fl-apparat tal-awla.

Illi l-esponenti jissottometti li anki fil-każ li xhud jesebixxi *compact disc* li jirriżulta difettuż jew li għal xi raġuni ma jaħdimx jew mhuwiex kompatibbli mal-apparat tal-awla jew mal-apparat tas-sigrieta tal-ġudikant, il-Qorti għandha, sabiex tkun verament semgħet ix-xhieda u l-provi kollha, tordna li tinstab soluzzjoni, liema soluzzjoni tista' tinkludi li x-xhud jesebixxi l-filmat jew *recordings* tramite *compact disc* oħra jew *pen drive* jew b'xi mezz leċitu ieħor. Anzi, l-esponenti jżid li jekk Qorti ma timxix hekk, tkun qegħda addirittura tiffavorixxi parti bi ħsara tal-parti l-oħra.

Illi rinfaċċjata b'sitwazzjoni bħal din, għalkemm sitwazzjoni verament frustranti għall-ġudikant sedenti, għall-prosekuzzjoni, u għad-difiża, l-Ewwel Qorti kellha tipposponi jew tiddiferixxi sakemm ikun żgurat li l-apparat fl-awla jkun qiegħed jaħdem kif suppost, u mbagħad tissokta bis-smiegħ tal-kawżi.

Illi għalhekk, effettivament, l-Ewwel Qorti ċaħħdet lill-prosekuzzjoni minn provi indispensabbli u possibilment xhud jew xhieda indispensabbli. F'dan ir-rigward jingħad li kieku mxiet sewwa, l-Ewwel Qorti ma kinitx tkun qegħda tiffavorixxi lill-prosekuzzjoni, imma sempliċiment tagħmel dak li kull qorti għandha tagħmel, jiġifieri li tfittex il-verità u xejn ħliefha, sabiex meta tippronunzja s-sentenza, ikollha s-serħan tal-moħħ li tkun verament rat u semgħet kollox u kwindi jkollha l-kwadru sħiħ tal-fatti quddiemha.

---

[5] Enfasi tal-appellant.
[6] Enfasi tal-appellant.

Illi għalhekk, finalment, l-esponenti huwa tal-umli fehma li huwa applikabbli għal dan il-każ it-tagħlim ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Kevin Debono***[7], li fiha ġie ritenut li nuqqasijiet bħal dawn iwasslu għal nullità. Speċifikament, din il-Qorti kienet qalet:

> *"Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri" [5.1.1996], li, ladarba ix-xhud ikun debitament notifikat u sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, (enfasi ta' din il-Qorti) il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra u tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441 (4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap.9, . (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia" [25.7.1994] u ohrajn)."*

Rat is-sentenza taghha moghtija fl-ismijiet premessi nhar l-20 ta' Lulju 2023[8] fejn kienet cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali u ordnat il-prosegwiment tal-kawza .

Semghet lill-partijiet jittrattaw it-tieni aggravju tal-appellant Avukat Generali fis-sens li l-ewwel Qorti qatt ma messet illiberat lill-appellat fuq il-premessa li *" l-apparat li kien hemm fl-awla kien tali li ma setax jinstemghu l-kliem li inghad"* u dan ghaliex l-kawza kellha tigi differita ghal darb ohra sabiex ir-recording jinstema b'apparat iehor minkejja li kawza sommarja ghandha tinstema possibilment f'qasir zmien in ommagg ma l-artikolu 374 u 375 tal-Koidici Kriminali.

**Ikkunsidrat.**

Il-Qorti taghmel referenza ghad-dicitura tal-ligi senjatament fl-artikoli 374 u 375 tal-Kodici Kriminali f'liema artikoli m'huwiex specifikat b'ebda mod illi l-provi f'kawza sommarja iridu jinstemghu f'seduta wahda biss u dan peress li l-ligi tghid biss illi "*t-tmexxija tal-kawza ghandha ssir fil-qosor u bil-fomm u fl-ordni li gej…*" kif preskritt fl-Artikolu 374 b'applikazzjoni ukoll ghall-artikolu 375. Illi kwindi filwaqt li huwa rikonoxxut li kawza sommarja m'ghandix iddum tkaxkar inutilment (ergo it-terminu sommarja) il-ligi ma tispecifikax li kull prova trid bilfors tinstema' f'darba wahda allavolja hekk ikun desiderabbli.

Illi in oltre jekk naraw anki l-Artikolu 377(1) tal-Kodici Kriminali li jitratta l-ghoti tas-sentenza f'kawza sommarja jinghad li '*meta jinghalaq is-smigh tal-kawza, il-qorti dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, taghti sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputat*'. Huwa

---

[8] Fol. 53 ta l-atti

interessanti li wiehed jinnota li d-dover legali huwa mpost principalment fuq il-Qorti li tkun qed tippresjedi fir-rigward tal-ghoti tas-sentenza u in oltre dan mhux b'mod tassativ. Effetivament allura filwaqt li l-Qorti tinsab inkuraggata li taghti sentenza fuq kawza sommarja dakinhar li jinghalqu l-provi dan ghandu jsir biss **jekk possibbli.**[9]

Fil-fatt dan il-punt tqajjem fil-kaz **Il-Pulizija –vs- Frank Borg** deciz mill-Imhallef Harding fejn b'referenza ghal din id-disposizjoni li dak iz-zmien kien l-Artikolu 389 tal-Kodici Kriminali kien gie ritenut illi *"l-iskop ta' dak l-artikolu hu semplicimènt biex ikun impost fuq il-gudikant l-obbligu tad-decizjoni sollecita tal-kawza, u ghaliex ma hemmx xejn li jimpedixxi li ghal raguni gusta, anki mill-Qorti 'marter proprio', jerggha jinfetah is-smiegh, sija pure biex titbiddel l-imputazzjoni…"*. In oltre u in sostenn ta' dan l-argument jirrizulta li mid-dicitura ta' din id-disposizjoni, dan id-dover jew obbligu jiskatta meta l-provi jinghalqu li kwindi ma tindika f'ebda mod li dawn il-provi kellu jinstemghu ukoll u ilkoll fl-istess jum li tinghata s-sentenza, apparti mill-fatt li f'dan il-kaz m'ghandna l-ebda indikazzjoni li l-provi gew maghluqa.

In fatti tant hu hekk li kawza sommarja mhux bilfors tinqata f'seduta wahda li kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Sammut Peter Ferdinans k/a Pierre**[10], inghad illi –

*"Il-fatt li xhud ma jidhirx ghal udjenza partikolari ma jfissirx li huwa prekluz milli jixhed f'udjenza ohra, u dan anke f'kawzi sommarji. Ma hemm xejn fil-ligi u fil-gurisprudenza li b'xi mod jissuffraga tali proposizzjoni. Jekk xhud, debitament notifikat, ma jidhirx u lparti li tkun talbitu ma tirrinunzjax ghalih, il-qorti ghandha tghaddi biex tipprovdi skond il-ligi kontra dak ix-xhud u tiddifferixxi sabiex huwa jinstema' f'udjenza ohra."*

Jekk ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx u

(i) il-prosekuzzjoni ma tipprezentax riferta jew

(ii) ir-riferta tkun wahda negattiva u n-nuqqas ta' notifika jkun attribwibbli ghal xi nuqqas tal-prosekuzzjoni, il-qorti tista' tibqa' ghaddejja bis-smigh tal-kawza u, jekk ma

---

[9] Enfasiz ta din l-Onorabbli Qorti

[10] Qorti tal-Appell Kriminali, nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002),

jkunx hemm raguni ohra ghal differiment, tista' wkoll tghaddi minnufih ghas-sentenza.

Illi, dan ifisser, kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Portelli et**, hemm zewg cirkostanzi biss fejn il-Qorti f'kawzi ta' natura sommarja hija gustifikata tghaddi ghas-sentenza fin-nuqqas ta' smiegh ta' xi xhud jew nuqqas ta' xi prova u dan meta jew il-Prosekuzzjoni tonqos milli turi li taghmel dmirha billi ma tipprezentax riferta li tindika illi sar it-tentattiv biex jigi nnotifikat ix-xhud jew meta ikun hemm riferta negattiva li madanakollu tindika illi x-xhud ma ikunx gie notifikat minhabba xi nuqqas minn naha tal-prosekuzzjoni. Dan kien ukoll l-istess ragunament milqugh minn l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hdax (11) ta' Frar tas-sena elf, disa' mija, wiehed u disghin (1991) fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il – Pulizija vs Emanuel Buttigieg** fejn intqal illi: - *"Huwa car illi l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tassigura li l-provi kollha li jkollha biex tipprova l-kaz taghha kontra l-akkuzat ghandhom jingiebu l-Qorti dakinhar li tkun ser tinstema l-kawza".*

Illi fil-kaz in desamina l-ewwel Qorti messha iddifferiet il-kawza sabiex tara jekk ir-recording setghax jintlaghad fuq apparat iehor u dan ghaliex tali nuqqas ma jahtix lill-persuna li pproduciet tali recording u huwa biss wara li ghamlet l-almu taghha biex tisma din il-prova li tali prova tkun tista' tigi skartata u mhux mal-ewwel opportunita' li kellha. Dan ghaliex meta ghamlet hekk l-Qorti kienet qed tipprova l-prosekuzzjoni mid-dover taghha li tressaq il-provi kollha taghha in sostern tal-akkuza moghtija fil-konfront tal-appellat.

F'dan il-punt din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Debono**[11] fejn tkellmet fuq **Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali** u qalet hekk:

> *'Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Settembru, 2021

*eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.*[12] *Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss"*

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tannulla s-sentenza tal-Ewwel Qorti moghtija fl-14 ta' Marzu 2023 u, biex ma tippruvax lill-partijiet mill-beneficcju tad- "*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**

[12] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004